

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6615 – Nuvia/Coor/JV)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 182/10)

1. Fl-14 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Nuvia Nordic AB ("Nuvia", l-Isvezja), li finalment hija kkontrollata minn Vinci SA ("Vinci", Franza), u Coor Services Management Nuclear AB ("Coor", l-Isvezja), li finalment hija kkontrollata minn Cinven Ltd. ("Cinven", ir-Renju Unit), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt, permezz ta' xiri ta' ishma, ta' Nordic Nuclear Services AB ("JV", l-Isvezja), li hija impriża konġunta ġdida.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

— Coor hija attiva fl-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' funzjonijiet ta' servizz f'uffiċċji, fi proprjetajiet, f'faċilitajiet tal-produzzjoni u fis-settur pubbliku,

— Nuvia hija attiva f'servizzi nukleari,

— JV se tipprovdi servizzi nukleari lil impjanti tal-enerġija nukleari fl-Isvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6615 – Nuvia/Coor/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").